2 ta' April, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Francis Galea *versus* Mary Zammit

## Lokazzjoni — Inkwilinat — Mara — Komunjoni tal-Akkwisti Mandat

*Meta mara miżżewġa tieħu post b'kiri fil-waqt li żewġha jkun għadu ħaj, l-inkwilinat hekk minnha akkwistat normalment jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti, għax jitqies akkwistat f'isem żewġha, peress li normalment jitqies li l-mara tkun aġixxiet bħala mandatarja ta' żewġha. Imma dan hu l-każ meta miċ-ċirkustanzi jidher li r-raġel, fil-waqt li jikkoabita ma' martu, ikun fdalha f'idejha l-amministrazzjoni domestika. Għall-kuntrarju, jekk iċ-ċirkustanzi juru li ma kienx hemm delega ta' l-amministrazzjoni ta' l-azjenda domestika mir-raġel favur il-mara, b'mod li jitnissel il-mandat taċitu għall-obligazzjonijiet li ma humiex domestiċi ordinarji u ġornaljeri, bħal ma hija kuntrattazzjoni ta' lokazzjoni, allura l-inkwilinat akkwistat mill-mara ma jidħolx fl-akkwisti; u wara l-mewt tar-raġel ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' devoluzzjoni ta' dak id-dritt ta' konduzzjoni favur l-ulied ta' dak ir-raġel "per trumite" ta' l-eredità paterna.*

Il-Qorti; — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuta li tiżgombra mill-fond No. 7 Dock Street, Misida, li hija qegħedha tokkupa mingħajr titolu; bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenuta, li hija, bħala eredi ta' missierha, għandha dritt għall-lokazzjoni tal-post;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1955, li biha laqgħet it-talba, bl-ispejjeż, u għall-fini ta' l-iżgumbrament tat lill-konvenuta t-terminu ta' erbgħin ġurnata; billi ikkunsidrat;

Illi l-fond in kwistjoni ġie lokat minn omm il-konvenuta waqt li żewġha kien ħaj;

Illi jirriżulta illi, meta miet missier il-konvenuta, xi sitt snin ilu, il-kera tal-fond baqa' fuq omm il-konvenuta, u dina qatt ma ppretendiet li bħala eredi ta' missierha kellha xi drittijiet ta' lokazzjoni, iżda bħala "figlia di famiglia" baqgħet togħgħod ma' ommha, u kienet tikkontribwixxi għall-ħajja komuni, kif kienet tagħmel meta kien għadu ħaj missierha;

Illi għalhekk, bejn l-attriċi u l-konvenuta qatt ma kien hemm rapporti ta' lokazzjoni, iżda konduttriċi kienet unikament omm il-konvenuta, u dina ttterminat il-lokazzjoni u kkonsenjat iċ-ċavetta;

Għalhekk il-konvenuta ma għandha ebda dritt tokkupa l-fond b'titolu ta' lokazzjoni kif qegħedha tippretendi;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenuta, fol. 12, li biha appellat lil din il-Qorti mill-imsemmija deċiżjoni, u talbet li tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

L-appellanti qegħdha ssostni din it-teżi: id-dritt ta' konduzzjoni kien jaqa' fl-akkwisti, u kwindi jmiss ukoll lilha *bħala eredi ta' missierha (verbal fol. 9). Hija ssottomettiet* li, peress li ommha Assunta Zammit kriet il-post meta kien għadu ħaj żewġha, missier l-appellanti, għalhekk il-post għandu jitqies bħala mikri lill-żewġha; u ċċitat is-sentenza in re "Vassallo vs. Sultana", mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha fis-16 ta' Diċembru, 1944 — Kollez. Vol. XXXII-I-136. Iċċitat ukoll is-sentenza in re "Cauchi vs. Dr. Fenech", 29 ta' Settembru, 1948, App.

Inf., in kwantu din tinsab ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza "Sciortino utrinque", P. A. 28 ta' April, 1950; u dan biex tirrileva l-prinċipju li d-dritt ta' l-inkwilinat jgħaddi fl-ereditá ta' l-inkwilin li jmut;

Għalhekk, wieħed għandu jara jekk verament l-inkwilinat tal-post kienx qatt imiss lil żewġ Assunta Zammit, missier l-appellanti. Issa, Assunta Zammit verament kriet dan il-post meta kien għadu ħaj żewġha, u normalment l-inkwilinat kien jidħol fl-akkwisti, għax kien jitqies magħmul f'isem żewġha, peress li normalment jitqies, kif ġie rilevat fis-sentenza "Vassallo vs. Sultana" (p. 137), li l-mara "ikun aġiet bħala mandatarja tar-raġel tagħha". Iżda f'dan il-każ ma kienx hekk. Il-mara titqies, f'kuntrattazzjonijiet simili, mandatarja ta' żewġha meta miċ-ċirkustanzi jidher li żewġha, fil-waqt li jikkoabita ma' martu, ikun fdalha f'idejha l-amministrazzjoni domestika, kif hemm spjegat fis-sentenza App. Sup. "Bonnici vs. Tabone", 4 ta' Diċembru, 1925, Vol. XXVI, p. 340. Imma fil-fatti speċje mill-provi jidher, u senjatament mix-xhieda ta' l-istess appellanti, li dan ma kienx il-każ. Żewġ Assunta Zammit, meta din kriet il-post, kien rikoverat l-Imgieret, ma kienx jaħdem, ma kienx jikkontribwixxi għad-dar, kienet taħdem Assunta Zammit, l-omm, assistita mit-tfal; u fil-post żewġ Assunta Zammit qatt ma kien jikkoabita mal-familja. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jistax jingħad, bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni, li kien hemm delega ta' l-amministrazzjoni ta' l-azjenda domestika b'mod li jitnissel il-mandat taċitu għall-obligazzjonijiet li ma humiex domestiċi, ordinarji u ġjornaljeri, bħal ma hija l-kontrattazzjoni ta' lokazzjoni. Kien għalhekk, ċjoè in vista taċ-ċirkustanzi fuq delineati, li meta Assunta Zammit kriet il-post hija użat ma' l-attur l-espressjoni sinjifikativa "jiena mara bla raġel". Minn dan jiġi li l-lokazzjoni ma kienetx tmiss lil żewġ Assunta Zammit; u kwindi ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' devoluzzjoni ta' dritt ta' konduzzjoni in parti favur l-appellanti "per tramite" ta' l-ereditá paterna;

Del resto, "ex abundantia", jista' jiżdied illi anki wara l-mewt ta' żewġ Assunta Zammit, kienet din li baqgħet tidher bħala unika inkwilina, u ħadd ma ġieb ruħu 'l quddiem

billi jippretendi xi dritt ta' kera; kienet hi li baqghet thallas il-kera, u ghan-nom taghha biss kienu jsiru l-irċevuti. Fis-sentenza "Sciortino utrinque" ċitata mill-appellanti, l-istess kien ġie ritenut, li bil-fatt li l-attriċi f'dik il-kawża baqghet thallas wehedha l-kera li, qabel, kienet thallas ma' ommha, id-dritt ta' l-inkwilinat wara li mietet ommha baqa' ghaliha biss wehedha, u mhux anki favur hutha ohra;

Ghalhekk l-appell hu miċhud, u s-sentenza appellata konfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellanti.